



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-531/16
Šiaulių regiono atliekų tvarkymo centras
u
“Ecoservice projektai” UAB

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2004/18/KE – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Eżistenza ta’ rabta bejn offerenti li ssottomettew offerti distinti għall-istess kuntratt – Obbligi tal-offerenti, tal-awtorità kontraenti u tal-qorti nazzjonali”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tas-17 ta’ Mejju 2018

1. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2004/18 – Sottomissjoni ta’ offerti – Sottomissjoni ta’ offerti separati minn impriżi relatati – Ammissibbiltà*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18, Artikolu 2)

2. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2004/18 – Sottomissjoni ta’ offerti – Prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti u ta’ trasparenza – Portata – Kriterji ta’ selezzjoni u ta’ għoti – Obbligu ta’ definizzjoni ċara u preliminari – Impożizzjoni lill-offerenti ta’ rekwiżit li la jinsab fid-dritt nazzjonali u lanqas fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt – Inammissibbiltà*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18)

3. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2004/18 – Sottomissjoni ta’ offerti – Sottomissjoni ta’ offerti separati minn impriżi relatati – Obbligu għall-impriżi li jiddikjaraw dawn ir-rabtiet fl-assenza ta’ obbligu f’dan is-sens previst fid-dritt nazzjonali jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt – Assenza – Possibbiltà għall-awtorità kontraenti li tivverifika n-natura awtonoma u indipendenti tal-offerti – Kundizzjonijiet*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18, Artikolu 2)

4. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttivi 89/665 u 2004/18 – Obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu proċedura ta’ appell – Regoli probatorji – Setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri – Limiti – Osservanza tal-prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività – Evalwazzjoni tal-livell probatorju meħtieġ sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas awtonomu u indipendenti ta’ offerti sottomessi minn impriżi relatati*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18, Artikolu 2; Direttiva tal-Kunsill 89/665, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 1(1) u Artikolu 2(1)(b))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 21, 22)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 23)

3. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], għandu jiġi interpretat fis-sens li:

- fl-assenza ta' dispożizzjoni legali espressa jew ta' kundizzjoni speċifika fis-sejħa għal offerti jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-għoti ta' kuntratt pubbliku, offerenti li hemm rabta bejniethom u li jissottomettu offerti separati fl-istess proċedura, ma humiex obbligati jiddikjaraw, minn jeddhom, ir-rabta tagħhom lill-awtorità kontraenti;
- l-awtorità kontraenti, meta jkollha elementi li jqajmu dubji dwar in-natura awtonoma u indipendenti tal-offerti ppreżentati minn ċerti offerenti, hija obbligata li tivverifika, jekk ikun il-każ billi titlob informazzjoni addizzjonali minn dawn l-offerenti, jekk l-offerti tagħhom huma awtonomi u indipendenti. Jekk jirriżulta li dawn l-offerti ma humiex awtonomi u indipendenti, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 jipprekludi l-għoti tal-kuntratt lill-offerenti li ppreżentaw offerta bħal din.

(ara l-punti 26, 40 u d-dispożittiv)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 36-38)